**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 24 ta` Settembru 2019**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Gur. Nru. 1000/2012 JZM**

**Laurence Cauchi u martu Maria Concetta Cauchi rispettivament bil-karta tal-identita` 527658M u 8663M**

***kontra***

**Evan Xuereb u martu Sabrina Xuereb rispettivament bil-karta tal-identita` 423073M u 273180M**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

### 1. Ir-rikors guramentat

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-5 ta` Ottubru 2012 li jaqra hekk :–

*1. Illi r-rikorrenti u l-intimati kellhom assocjazzjoni ta` bejniethom li permezz taghha kienu jiggestixxu flimkien negozju mill-fond bin-numru 225, gia` 243, Triq is-Santwarju, Zabbar, li huma krew minghand il-proprjetarji tieghu u cioe` Charles Vella Zarb. L-imsemmi fond inkera bhala "bare premises" u huma semmew l-assocjazzjoni ta` bejniethom "Scholl Foothealth Centre".*

*2. Illi huma flimkien ikkonvertew l-istess fond bhala hanut attrezzat u ammobilit u attwalment bdew jaghtu s-servizzi taghhom in generali lill-pubbliku mill-imsemmi fond.*

*3. Illi bejn il-partijiet inqala` l-inkwiet u kien ghalhekk li fit-28 ta` Gunju 2010 ir-rikorrenti kiteb lill-intimati fejn infurmahom li ma setghux jibqghu jiggestixxu flimkien l-istess negozju u stedinhom biex jew jixtru sehemhom mill-imsemmi negozju jew jillikwidaw l-istess negozju biex b`hekk kull parti tiehu sehemha minnu.*

*4. Illi wara li saru diversi trattattivi bejn il-partijiet ma ntlahaqx ftehim, u l-intimati qabdu u bla kliem u bla sliem ghalqu n-negozju, u unilateralment trasferew l-istess negozju f`bini iehor. Inoltre ghalqu ukoll il-kontijiet bankarji u fethu kontijiet godda esklussivament f`isimhom u ggestew l-istess negozju, kif ghadhom jaghmlu sal-lum minghajr ebda partecipazzjoni da parte tar-rikorrenti.*

*5. Illi l-intimati kienu qabdu lil Anthony J Cassar, awditur, sabiex jaghmel valutazzjoni tan-negozju u fis-26 ta` Ottubru 2010 huwa hareg valutazzjoni tal-istess "as at 31st December 2009" u kkonsidra li l-valur nett tal-istess negozju kien dak ta` €44,026.*

*6. Illi r-rikorrenti, min-naha taghhom qabdu lill-konsulent awditur taghhom u cioe` lil Franco Azzopardi, u dan wasal ghall-konkluzjoni li l-imsemmi negozju ghandu valur ta` bejn €115,000 (capitalised cash flow with no terminal value) u €150,000 (discounted cash flow with terminal value).*

*7. Illi kull tentattiv da parte tar-rikorrenti sabiex din il-vertenza tigi maghluqa amikevolment ma swiet ghal xejn ghax l-intimati baqghu ma taw kaz ta` xejn.*

*8. Illi l-gestjoni tal-istess negozju da parte tal-intimati, ad eskluzjoni tar-rikorrenti, u cioe` gestjoni unilaterali hija detrimentali ghar-rikorrenti u tikkawzalhom danni, li ghalihom l-intimati huma responsabbli skont il-ligi.*

*9. Illi mitluba sabiex jaghtu rendikont tal-amministrazzjoni taghhom u sabiex jersqu bonarjament ghal-likwidazzjoni u hlas ta` dak spettanti lir-rikorrenti u tad-danni kawzati lir-rikorrenti, l-intimati baqghu inadempjenti billi lanqas biss ma ndenjaw ruhhom li jirrispondu ghall-istess interpellazzjoni.*

*10. Illi l-intimati huma responsabbli solidalment lejn ir-rikorrenti sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti.*

*11. Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex :*

*(1) tiddikjara xolta l-assocjazzjoni ta` bejn il-partijiet.*

*(2) tahtar jekk ikun hemm bzonn komputista sabiex jipprepara rendikont shih tax-xoljiment tal-istess assocjazzjoni.*

*(3) tordna lill-intimati sabiex jaghtu rendikont shih u komplet tal-amministrazzjoni taghhom tal-istess assocjazzjoni kif fuq riferit.*

*(4) tordna lill-intimati sabiex ihallsu dik is-somma li tispetta lir-rikorrenti kemm mill-gestjoni tal-istess negozju kif ukoll mix-xoljiment tal-istess assocjazzjoni.*

*(5) tiddikjara lill-intimati responsabbli ghad-danni kollha subiti mir-rikorrenti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija.*

*(6) jigu likwidati d-danni sofferti mir-rikorrenti u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta` periti nominandi.*

*(7) jigu kkundannati jhallsu lir-rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti – kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*12. Bl-ispejjez komprizi dawk ta` hames ittri bonarji u tal-ittra ufficcjali tal-21 ta` Gunju 2012 kontra l-intimati, li biha gew debitament notifikati u li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.*

Rat il-lista tax-xhieda.

## 2. <u>**Ir-risposta guramentata**</u>

Rat ir-risposta guramentata li l-konvenuti pprezentaw fl-<u>20 ta` Novembru 2012</u> u li taqra hekk :-

*1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi huma legalment u fattwalment skorretti kif jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza.*

*2. Illi n-negozju kien dak li jitmexxa hanut ghall-bejgh ta` footwear mghoddi lill-partijiet `on consignment basis` mid-ditta Pharmacos Ltd u l-arrangament bejn il-partijiet kien wiehed verbali u ma saret l-ebda skrittura ta` xi assocjazzjoni jew socjeta` civili bejniethom.*

*3. Illi l-ftehim kien li Evan Xuereb u Lawrence Cauchi kellhom jiggestixxu flimkien il-hanut de quo bl-ghajnuna ta` xi haddiema part time.*

*4. Illi filwaqt li Evan Xuereb beda jirsisti u jkun ghal hin twil fil-hanut, Lawrence Cauchi ma beda jaghti l-ebda kontribut fil-hanut u kien interessat biss biex jaqsam il-profitti.*

*5. Illi Laurence Cauchi tant kien jaf kemm kien qed jahdem aktar minnu Evan Xuereb li sar qbil li mis-sena 2007 Evan Xuereb kellu jiehu Lm1,500 fis-sena jew €3,494.*

*6. Illi l-konvenut qatt ma inghata dan l-ammont u qed issir kontrotalba dwar dan.*

*7. Illi meta Evan Xuereb ra li Laurence Cauchi ma kien qed jaghti l-ebda kontribut ghan-negozju insista mieghu li jibda jkun fizikament mieghu fin-negozju u jaqsam il-piz mieghu.*

*8. Illi l-attur irrifjuta li jaghmel dan u qal li l-konvenut li l-ahjar kien li jinghalaq in-negozju.*

*9. Illi minhabba l-agir irresponsabbli ta` l-attur Laurence Cauchi, u peress li lanqas il-kera ma bdiet tithallas, is-sid tal-hanut in-Nutar Charles Vella Zarb talab il-hlas tal-arretrati u c-cwievet tal-hanut.*

*10. Illi l-konvenut Evan Xuereb ma kellux triq ohra hlief li jghaddi c-cwievet lis-sid u jaghti l-merkanzija lura lil sidha u cioe` lil Pharmacos Ltd.*

*11. Illi kien l-istess konvenut Laurence Cauchi li wassal ghal gheluq tal-hanut u ghandu jkun hu li jwiegeb ghad-danni li kkawza lill-intimati.*

*12. Illi l-konvenuti qatt ma oggezzjonaw li l-atturi jinghataw rendikont tan-negozju tant li kienu jsiru audited accounts li l-atturi kellhom access liberu ghalihom u li ghal diversi snin liberament raw.*

*13. Illi fil-fatt ghall-ahhar sena li kien miftuh il-hanut u cioe` fl-2010 hemm audited accounts li l-atturi jistghu facilment jiehdu minghand l-awditur li kellhom il-partijiet.*

*14. Illi hlief ghal xi stock zghir u xi ftit xkaffi m`hemmx aktar x`jigi likwidat u l-intimati lesti li jaqsmu dan il-valur ma` l-atturi wara li jithallsu tal-kreditu li ghandhom kif jigi spjegat fil-kontrotalba.*

*15. Illi l-konvenuti joggezzjonaw ghal talba numru 1, peress li kien l-istess attur li xolja l-istess negozju, joggezzjonaw ghal talba numru 2 peress li dan kien negozju zghir li tieghu hemm l-audited accounts kif spjegat aktar `il fuq, joggezzjonaw ghal talba numru 3 ghall-istess raguni. Dwar talba numru 4 lesti li jaqsmu dak li jista` jinqasam mal-atturi wara li jigi sald il-kreditu taghhom, jirrespingu t-talbiet l-ohra kollha ghar-ragunijiet premessi.*

*16. Illi dwar il-hanut tal-Fgura li jsemmu l-atturi huma m`ghandhom x`jaqsmu xejn mieghu kif jigi ppruvat waqt il-kawza.*

*17. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi bil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda. pprezentati mar-risposta guramentata.

**3. Il-kontrotalba**

Rat il-kontrotalba li taqra hekk :-

*1. Illi qabel xejn jikkonfermaw il-fatti kollha kif kontenuti fir-risposta guramentata taghhom aktar `il fuq.*

*2. Illi bejn il-partijiet kien sar ftehim li Evan Xuereb jibda jiehu s-somma ta` €3,494 fis-sena tal-hafna xoghol zejjed li kien jaghmel u dan il-ftehim ikopri s-snin 2007 sa 2010 u cioe` erba` snin.*

*3. Illi l-ammont ta` €3,494 multiplikat ghal erba` darbiet jammonta ghal €13,976.*

*4. Illi l-atturi naqsu li jaghtu dan l-ammont lill-konvenuti.*

*5. Illi peress li l-hanut de quo inghalaq unikament tort tal-atturi peress li ma qdewx l-obbligi kuntrattwali taghhom.*

*Ighidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjara li l-konvenuti ghandhom dritt jiehdu s-somma minghand l-atturi ta` tlettax-il elf, disa` mija u sitta u sebghin ewro (€13,976) ghar-ragunijiet premessi.*

*2. Tikkundanna lill-atturi jhallsu dan l-ammont lill-istess konvenuti.*

*3. Tiddikjara li bl-agir illegali taghhom l-atturi kkawzaw danni lill-konvenuti.*

*4. Tillikwida l-istess danni.*

*5. Tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenuti tali danni hekk likwidati.*

*Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-atturi li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ghall-iskop tal-kontrotalba.

## 4. Ir-risposta guramentata ghall-kontrotalba

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw l-atturi ghall-kontrotalba fis-6 ta` Dicembru 2012 li taqra hekk :-

*1. Illi l-avukat tal-esponenti ta ruhu b`notifikat bl-atti ta` dawn il-proceduri fis-seduta tat-22 ta` Novembru 2012 li ghalihom qed issir din ir-risposta.*

*2. Illi filwaqt li l-esponenti jaghmlu riferenza ampja ghall-premessi kif kontenuti fir-rikors promotur jiddikjaraw li mhux minnu, kif allegat, illi kien hemm ftehim illi l-intimat Evan Xuereb jircievi pagament fis-sena ta` €3494 u dan minhabba, skont kif allegat, li l-istess Xuereb kien jahdem ferm aktar mill-esponenti. Illi, apparte li lanqas ma huwa minnu illi Xuereb kien jahdem aktar mill-esponenti, huwa veru illi saru tahdidiet bejn il-partijiet dwar it-talba ta` Lm 1,500 fis-sena mill-intimat Xuereb, anke meta kienu ghaddejjin it-trattattivi ghal soluzzjoni amikevoli tal-vertenzi ta` bejn il-partijiet, pero` tali pretensjoni qatt ma immaterjalizzat ruhha fi ftehim ahhari bejn il-partijiet. Infatti lanqaqs biss tirrizulta fl-accounts ta` ebda wahda mis-snin imsemmija.*

*3. Illi dato ma non concesso illi l-intimat huwa intitolat ghall-kumpens li qed jippretendi, tali kumpens, skont kif jippremetti l-intimati stess, kien dovut mill-assocjazzjoni ta` bejn il-partijiet u cioe` mhux mill-esponenti wahedhom u ghallhekk se mai, l-istess talba ghall-kumpens trid tigi dimezzata u l-esponenti, dejjem dato ma non concesso, jistghu jkunu responsabbli ghal nofs l-ammont reklamat u mhux ghall-ammont intier reklamat.*

*4. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, apparte li ma hemmx ebda premessa fl-att rikonvenzjonali mressaq mill-intimati illi l-agir tal-esponenti ikkawza xi danni lill-intimati u kwindi it-tielet u l-hames talbiet ma jistghu qatt jintlaqghu u huma nsostenibbli, attwalment l-esponenti ma setghux ikkawzaw l-ebda danni lill-intimati, billi dawn ghadhom ghaddejja bl-istess negozju li kellhom, izda din id-darba f`isimhom proprio, minn stabbiliment iehor u ghaldaqstant l-agir tal-esponenti ma ikkawza u ma seta` jikkawza ebda danni lill-intimati. Inoltre kienu l-istess konjugi Xuereb li ghalqu n-negozju u rritornaw ic-cwievet tal-hanut lil sid il-kera.*

*5. Ghal dawn ir-ragunijiet, u ladarba ghalhekk it-talbiet rikonvenzjonanti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, l-istess talbiet ghandhom jigu rigettato bl-ispejjez.*

*6. Salv kontestazzjoni ulterjuri skont il-ligi.*

## 5. <u>L-*iter* tal-kawza</u>

Rat id-digriet taghha tal-14 ta` Jannar 2013 fejn kienu mahtura l-Awditur Kevin Mahoney bhala espert tekniku u l-Av. Dr Richard Galea Debono bhala espert legali bil-kompitu illi jiehdu konjizzjoni tat-talbiet, tal-eccezzjonijiet, tal-kontrotalba u tal-eccezzjonijiet ghall-kontrotalba u jirrelataw dwarhom, wara li jigbru l-provi.

Rat id-digriet li tat fl-4 ta` April 2017 fejn in vista tal-mewt tal-Awditur Kevin Mahoney, kien mahtur l-Awditur Raymond Vella bhala sostitut tieghu bl-istess inkariku.

Rat digriet iehor taghha tal-20 ta` Novembru 2018 fejn, wara talba tal-partijiet, kienet revokata l-hatra ta` l-espert tekniku.

Rat il-provi kollha li gabar l-espert legali.

Rat ukoll ir-relazzjoni li pprezenta l-espert legali u li kkonferma bil-gurament tieghu.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-nota tal-atturi.

Rat illi l-konvenuti pprezentawx nota ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Il-provi fil-kawza tal-lum ingabru mill-espert legali Av. Dr. Richard Galea Debono. Fir-relazzjoni tal-espert, tirrizulta gabra tal-provi. Il-Qorti mhijiex sejra taghmel rassenja mill-gdid ta` l-provi a skans ta` repetizzjoni, billi hija sodisfatta mir-riassunt li sar mill-espert.**

## III. Fatti

L-attur u l-konvenut kienu hbieb u kollegi, billi t-tnejn kienu ghalliema fl-istess skola.

Fl-2006 ftehmu biex jibdew negozju ghall-bejgh ta` zraben tad-ditta Scholl u ta` prodotti Footcare. Ghal dan in-negozju, krew post minghand in-Nutar Charles Vella Zarb u ghammruh. Mhux kontestat li ghall-ispejjez tal-bidu hargu nofs kull wiehed. Tramite kuntatt illi l-konvenut kellu ma` Pharmacos, l-agent lokali tad-ditta Scholl, sar ftehim ghall-fornitura tal-prodotti. Pharmacos kienet tipprovdi z-zraben *on consignment basis* u l-partijiet kienu jircievu percentwali fuq il-qligh mill-bejgh. Il-prezzijiet kienu jigu stabbiliti minn Pharmacos u ma kienx hemm lok ghal bdil fil-prezzijiet. Kwantu ghall-prodotti Footcare, dawn kienu jinxtraw direttament mill-partijiet u jinbieghu bl-imnut mill-hanut. Fil-kaz tal-prodott Scholl, Pharmocos kienet is-sid tal-prodott waqt li l-partijiet kienu s-sidien tal-prodotti Footcare.

Meta bdew in-negozju, il-partijiet ma hassewx il-htiega illi jirregolaw il-posizzjoni taghhom ruhhom bi ftehim bil-kitba. Qaghdu biss fuq ftehim verbali fejn qablu li jaqsmu l-kompiti fit-tmexxija tan-negozju, u jaqsmu l-profitti nofs bin-nofs. Sa minn ftit xhur wara li bdiet l-operazzjoni, kien evidenti li l-attur ma kellux wisq hin x`jiddedika. Fil-fatt f`qasir zmien beda jiddelega x-xoghol li kien jispetta lilu. Stqarr li ma kellux hin imur fil-hanut ghaliex kien okkupat bix-xoghol principali tieghu ta` ghalliem.

Jirrizulta li filwaqt l-attur qajla kien jersaq lejn il-hanut, il-konvenut beda jmexxi kollox hu. Anke jekk l-attur isostni li l-konvenut ma kellux hin sabiex ikun fizikament prezenti b`mod regolari fil-hanut, il-persuni li kienu mpjegati fil-hanut kkonfermaw li l-konvenut kien imur il-hanut kuljum anke jekk kien idum hemm ghal madwar siegha biss. Il-konvenut xehed illi kien jiehu hsieb jigbor anke l-prodotti hu stess, u meta kien ikun hemm bzonn, partikolarment fi zmien is-*sales*, kien iqatta` aktar il-hin il-hanut.

F`Awwissu 2007 saret laqgha bejn il-partijiet. Jidher illi dak diskuss kien is-sehem li kull naha kienet qeghda taghti fin-negozju. Waqt din il-laqgha, kif jistqarr ir-rikorrent, kien hu li ppropona li l-intimat jithallas is-somma ta` Lm 1,500 fis-sena bhala *bonus* tax-xoghol li kien

qieghed jaghmel. Din is-somma l-intimat qatt ma talabha u r-rikorrent qatt ma nsista li tittiehed. Fil-fatt baqghet qatt ma thallset. Dan il-fatt qed jigi rilevat ghaliex jirrizulta li kien biss fil-kontrotalba li l-intimat talab li jithallas Lm1,500 (jew l-ekwivalenti f`ewro) ghal kull sena li dam ghaddej in-negozju, wara li kien rinfaccjat b`talba ghal-likwidazzjoni u hlas ta` danni mill-attur.

Skont l-attur, kien it-18 jew 19 ta` Gunju 2010 meta bdew jinqalghu il-problemi bejniethom. Tressqu diversi proposti miz-zewg nahat biss ma ntlahaq ebda ftehim. Intant kienu akkumulaw arretrati ta` kera tal-hanut, u s-sid beda jitlob il-hlas inkella jiehu lura c-cwievet. Kien hemm ukoll pendenzi ma` Pharmacos. In-negozju waqaf fi Frar 2011, ghalkemm bejn Gunju 2010 u Frar 2011 in-negozju baqa` ghaddej.

Mal-gheluq tan-negozju, il-konvenut ghamel ftehim separat ma` Pharmacos sabiex jiftah *point of sales* bil-gestjoni ta` dan in-negozju tkun kollha kemm hi f`idejn il-konvenut. L-attur hass ruhu aggravat b`dan, u beda jilmenta dwar il-mod kif il-konvenut mexxa n-negozju ; sahansitra allega li l-gestjoni tal-konvenut kienet frawdolenta. Semma li l-konvenut caqlaq flus li kienu fil-kontijiet tan-negozju lejn kontijiet ohra f`ismu personali. Semma wkoll moviment ta` merkanzija mill-hanut taghhom it-tnejn ghall-hanut il-gdid li fetah il-konvenut.

Cio` nonostante waqaf hemm. Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent accetta l-fatt illi r-rizultanti tnaqqis fil-*mark up* seta` jkun attribwibbli ghall-fatt li kien hemm tnaqqis fil-prezzijiet. Ir-rikorrent ma kienx involut direttament fil-gestjoni tal-negozju u l-konvenut fisser li Pharmacos gieli taghmel *sales* u tbaxxi l-prezzijiet ; ghalhekk ivarja l-*mark up*. Dwar il-moviment tal-merkanzija jidher illi dan sar minn Pharmacos stess li *del resto* baqghet is-sid tal-merkanzija Scholl.

Min-negozju kien fadal biss x`jinqasmu flejjes fil-kontijiet bankarji li l-konvenut stqarr li hadhom hu sabiex ikun jista` jhallas xi pendenzi. Hemm ukoll xi xkaffar u stock ta` prodotti Footcare.

L-atturi jallegaw illi sofrew danni konsegwenza tal-agir tal-konvenuti meta dawn fethu negozju iehor ghal rashom, negozju li nibet min-negozju li kien hemm bejn il-partijiet.

Il-vertenza bejn iz-zewg nahat tista` tigi cirkoskritta ghal tliet kwistjonijiet :-

i. Ir-responsabbilita` tal-konvenuti ghall-gheluq tan-negozju u jekk l-attur garrbux danni tort tal-konvenut.

ii. Il-hlas pretiz mill-konvenut fl-ammont ta` Lm1,500 ghal kull sena li dam jopera n-negozju.

iii. Il-likwidazzjoni u l-qasma tal-assi tan-negozju.

## IV. <u>Ir-relazzjoni tal-espert</u>

### 1. <u>Dwar l-istanza attrici</u>

L-espert jaghmel dawn il-konsiderazzjonijiet :-

*L-esponent jixtieq iwitti it-triq ghas-soluzzjoni tal-vertenzi billi jidhol fil-kwistjoni ta` kif u il-ghala waqaf jew twaqqaf in-negozju. L-importanza ta` din il-konsiderazzjoni hi konnessa mat-talba tal-atturi dwar ir-responsabbilta` tal-konvenuti ghad-danni u l-likwidazzjoni tal-istess danni. Dawn id-danni jikkonsistu skont l-atturi, fit-telf ta` avvjament, u dwar dan gew ventilati cifri sinifikanti.*

*Una volta spjanat dan il-punt, imbaghad jifdal biss il-likwidazzjoni u spartizzjoni tal-assi tan-negozju.*

*Fil-kaz in ezami, ir-responsabbilta` ghad-danni trid tigi mistharrga fl-agir tal-konvenuti u fir-rwol taghhom fl-gheluq tal-hanut, u fl-allegat ftuh ta` hanut iehor li skont l-atturi*

*seta` uzurpa n-negozju li kien jappartjeni liz-zewg partijiet. Ghalhekk irid jigi mistharreg jekk il-konvenuti kienux abuzivi jew qarrieqa jew b`xi mod iehor negligenti f`dan l-akkadut.*

*Mill-provi akkwiziti jidher li parti preponderanti mill-provi kienet diretta propju lejn dan il-punt.*

*Meta tqis illi l-parti tal-kawza li twassal ghal talba ghad-danni tistrieh fuq il-mod ta` kif u il-ghala r-relazzjonijiet ta` bejn il-partijiet iddeterjoraw sal-punt illi n-negozju kellu jieqaf, l-atturi huma pjuttost skjetti u xotti fil-mod kif jiddeskrivu dak li gara :*

*Lejn n-nofs tal-2010, li jekk niftakar sewwa kien it-18 jew 19 ta` Gunju 2010, kien hemm nuqqas ta` ftehim bejnietna u bdew il-problemi.*

*(omissis)*

*Minn hawn il-quddiem is-sur Xuereb beda jamministra kollox hu.*

*Wara sensiela ta` theddid mis-Sur Xuereb, irrealizzajt li ma kienx iktar possibli li nibqghu nahdmu maghhom u sabiex nevita iktar problemi – fit-28 ta` Gunju 2010 ahna nformajana lis-Sinjur u lis-Sinjura Xuereb li ma ridniex inkomplu n-negozju.*

*Minn dan jemergu cari zewg punti. Wiehed illi x-xoljiment tas-shubija ma kienux ta` sorpriza ghall-atturi, u t-tieni hu li l-atturi stess kienu jixtiequha. Huma fil-fatt iktar jilmentaw ghal dak li gara WARA li kien hemm espressjoni ta` rieda ta` xoljiment. Huma jghidu li kienu ghamlu proposti dwar min seta` jixtri n-negozju minghand l-iehor izda li qabel ma*

*intlahaq ftehim il—konvenuti wettqu serje ta` mizuri unilaterali li skont l-atturi mhux talli ma kienux gustifikati, imma kienu addirittura pregudizzjevoli ghall-interessi tal-atturi. Huma xlew lill-konvenuti illi ghamlu dan :*

*(i) F` Gunju 2010 huma ttrasferew il-flus mill-joint bank accounts li kellna flimkien ghal fuq il-kontijiet bankarji personali taghhom. A rigward tal-kont komuni tan-negozju, peress illi kellna fiducja ghamja f`xulxin, seta` jiffirma kwalsiasi wiehed minnha biex jirtira il-flus.*

*(ii) Sa Awwissu 2010 huma qalbu r-registrazzjoni tal-VAT minn wahda joint flimkien, li kellha n-numru 1792-7704, ghal registrazzjoni fuq isimhom biss, bil-VAT numru 1991-8823.*

*(iii) Waqfu lis-Sinjura Doris Cassar, oht il-mara tieghi, mix-xoghol u dan sabiex ahna ma jkollniex informazzjoni ta` x`ikunu qed jippjanaw.*

*(iv) Matul tmiem il-gimgha tas-26/27 ta` Frar 2011, is-Sinjur u s-Sinjura Xuereb ittrasferew l-assi mobbli kollha mill-hanut taghna ta` Haz Zabbar ghal hanut gdid fil-Fgura. Huma fethu l-hanut il-gdid taghhom fit-28 ta` Frar 2011. L-assi li hadu jinkludu fissuri, ghamara u inventarju. Dawn l-oggeti ghadhom sal-gurnata tal-llum jintuzaw mis-Sinjur u s-Sinjura Xuereb.*

*(v) Wara din id-data, is-Sinjur u is-Sinjura Xuereb irritornaw ic-cwievet lil Dr Charles Vella Zarb u ghalhekk tellfu l-inkwilinat tal-hanut li kellna favur taghna.*

*Ghal dawn l-imputazzjonijiet il-konvenuti laqghu billi qabel xejn ikkontestaw certi fatti u li taw certi spjegazzjonijiet biex juru li ma mxew bl-ebda qerq jew ghelt.*

*Dwar l-gheluq tan-negozju issir riferenza ghax-xhieda tal-konvenut :*

*Nghid li jien qatt ma ridt li naghlaq dan il-hanut ghaliex ghalija kien sors importanti ta` income ghall-familja. Mhux minnu kif allega s-Sur Cauchi jien ridt naghlaq il-hanut. Kien l-attegjament u l-indifferenza tas-Sur Cauchi li wasslu ghall-gheluq tal-hanut.*

*L-ewwel u qabel kollox ma riedx li jaqsam fix-xoghol imma ried biss jaqsam fil-profitt u tieni ma bediex jaghmel il-hlasijiet dovuti. Nghid illi dak iz-zmien ic-cheque book tal-kont bankarju komuni taghna kellu s-Sur Cauchi biss li fost il-ftit xoghol li kien fadallu jaghmel kien dak li jaghmel il-pagamenti. Is-suspett li kelli li s-Sur Cauchi ried biss icahhad lili minn sors ta income essenzjali ghall-familja tieghi irrizulta li kien korrett.  Dan ghaliex ikkonfermajt ma PharmaCos li kien hemm xi pagamenti li kienu ma sarux u li PharmaCos kienu qeghdin jikkunsidraw li jaghlqu l-hanut minhabba dan.*

*In kwantu l-addebiti l-ohrajn kollha il-konvenut wiegbu ghalihom wahda wahda.*

*Ghal dak li jirrigwarda it-trasferimenti tal-kontijiet bankarji il-konvenut wiegeb :*

*Kien minhabba f`hekk li peress li jien ma kellix flus personali minn tieghi sabiex inhallas lil Pharmacos ghamilt transfer ghal gewwa l-kont personali tieghi u mort inhallas lil Pharmacos mic-cheque book personali tieghi.  Dawn saru permezz ta zjara li ghamilt jien personalment ghand Pharmacos ltd gewwa Sta.Venera fit-22/06/2010 fejn ghamilt dawn il-pagamenti: cheque 485 (778.81 euros)  u zewg Cash Payments ta 2446.73 euros u 56.59 euros … total ta 3282.13 euros (VIDE DOC 12).*

*Dwar ir-registrazzjoni tal-VAT li l-atturi jghidu li inbidlet :*

*In-numru tal-VAT ma inqalibx kif allega s-Sur Cauchi fl-affidavit f`pagna 4 izda thalla "dormant" u jiena ghamilt VAT number gdid peress li ma kontx qieghed nafda aktar lis-Sur Cauchi f`dak li ghandu x`jaqsam hlasijiet ta kontijiet relatati mal-hanut u affarijiet relatati mal-VAT.*

*Dwar Doris Cassar:*

*Lis-Sinjura Doris Cassar jiena kont kellimta u informajta li allavolja hi tigi mis-Sur Cauchi jien kont behsibni li xorta tibqa tahdem fil-hanut. Pero gara li minflok irringrazzjatni ta dan, Ms Cassar avvicinat lil PharmaCos u ipprovat tiftah hanut ta Scholl ghar-rasha fil-vicinanzi tal-hanut diga esistenti gewwa Haz-Zabbar. Jien dan il-komportament hassejtu zlejali w kien f`dan il-mument li jien waqqaftha mill-hanut.*

*Dwar it-trasferiment tal-assi mobbli:*

*Mhux veru li jien qbadt u hadt l-affarijiet minn gewwa l-hanut Haz-Zabbar ghal gewwa hanut gdid il-Fgura kif allega s-Sur Cauchi f`pagna 4 ta l-affidavit, "Matul tmiem il-gimgha tas 26/27 ta` Frar 2011, is-Sinjur u s-Sinjura Xuereb ittrasferew l-assi mobbli kollha mill-hanut taghna ta`Haz-Zabbar ghal hanut gdid fil-Fgura".*

*Rigward l-akbar ass mobbli importanti jigifieri l-inventarju propjeta ta Pharmacos, dan l-inventarju gie irtirat minn Haz-Zabbar minn Pharmacos stess.*

*Dan jikkonfermah Mr. Edward Mifsud f`xiehda li ta fid-09/01/2014 fejn gew esebiti u sottomessi diga lill-Qorti dokumenti:*

*EM1 / EM3 – MINN DAWN JOHROG CAR LI PHARMACOS HADET LURA L-ISTOKK KOLLU LI KIEN HEMM GEWWA ZABBAR SHOP*

*EM2 – TRANSFER TA` L-ISTOKK MINN PHARMACOS GHAL GEWWA L-HANUT GDID TA EVAN XUEREB BISS GEWWA L-FGURA.*

*Dawn id-dokumenti igiddbu ukoll dak li qal is-Sur Cauchi fl-affidavit tieghu pg 5 fejn isostni li "ahna nemmnu wkoll li meta l-inventarju kien ittrasferit minn Haz-Zabbar ghall-Fgura, ma kien hemm l-ebda dokumenti ta trasferiment ta` konsenja (consignment transfer documents). Dan iffisser li-l-konsenja mibjughha mis-Sinjur u s-Sinjura Xuereb mill-hanut taghhom kienet ghadha tidher fuq isimna ukoll".*

*Jkompli jikkonferma u jichad dak li qal s-Sur Cauchi fejn xehed s-Sur Mifsud:*

*"IDDECIDEJT LI NGHALQU KOLLOX…..TINI L-ISTOKK LURA…..U NERGA NIFTAH HANUT MILL-GDID U NSIB POST IEHOR"*

*Dan ixxejjen ghal kollox l-allegazzjoni tas-Sur Cauchi li jien qbadt u ghalaqt l-hanut b`decizjoni tieghi u ikkawzajtlu xi forma ta danni…..kienu Pharmacos propjetarji ta l-istokk taz-zraben kollha li kellna fil-hanut li ddecidew dan u mhux jien! Se mai huwa car li bil-kompartament tieghu tul l-erba snin li l-hanut dam jopera s-Sur Cauchi kkontribwixxa mhux ftit biex iwassal ghall-eghluq tal-hanut u jien ghamilt minn kollox bis-sehem tieghi biex il-hanut jibqa miftuh !!*

*Irid hawn jinghad illi il-konvenut sahaq fuq il-punt illi diversi drabi kien ilmenta mal-attur illi l-attur ma kienx qed jghin bizzejjed fil-hanut, u li l-attur ma kienx interessat izid il-partecipazzjoni tieghu fil-hidma gol-hanut. In oltre l-attur li kellu c-cheque book f`idejh beda ghal xi raguni ihalli lura il-hlasijiet lil Pharmacos u lis-sid tal-hanut. Ghal dan l-addebitu ma jidhirx illi l-attur wiegeb. In fatti ma tantx seta jwiegeb ghaliex kienu Edward Mifsud ta` Pharmacos u Nutar Vella Zarb, sid il-hanut, li xehdu testwalment illi l-hlasijiet kienu qeghdin jaqghu lura.*

*Jizdied ma` dan illi fil-fatt kienu wkoll dawn iz-zewg persuni li wiehed minn naha tal-forrituri u l-iehor minn naha tal-propjeta` li ghamlu pressjoni, wiehed biex jihu l-istokk lura u li iehor biex jirriprendi l-pussess tal-hanut.*

*L-assjem ta` dawn il-provi pjuttost jaghti kredibilita` illi il-konvenuti ma kienux kuntenti jaghlqu l-hanut imma sabu ruhhom f`pozizzjoni fejn ma kienx fadlilhom ghazla.*[1] *Jidher li kien hemm tentattivi sabiex jigi diskuss trasferiment tan-negozji bejn is-socji, izda meta dan falla, ma kien hemm l-ebda mod kif in-negozju seta inbiegh lill-haddiehor. Din il-konstatazzjoni gejja mill-fatt illi il-hanut ma kienx trasferibbli lill-terzi*[2] *liberament, imma kienet permessa biss i-cessjoni tal-bqija tal-kirja taht il-kundizzjoni li jithallas rigal u li ma jkunx hemm arretrati ta` kera (li fil-fatt kien hemm u dawn l-arretrati baqghu pendenti sa Mejju tas-sena sussegwenti mill-inqas*[3]*) u l-anqas kien trasferibbli l-istokk, billi dan qatt ma kien propjeta` tas-shab fin-negozju. Ghalhekk kwalsiasi lment tal-atturi illi il-konvenuti, bl`agir taghhom hassru kull possibilita` li n-negozju jinbiegh lill-terzi, ifalli.*

---

[1] Dan johrog car ukoll mill-email JAS1, fejn sad-29 ta` Gunju 2010 il-konvenut esprima li jixtieq tkompli s-shubija u talab laqa, liema laqgha ma sehhitx.
[2] Vide skrittura a fol 162
[3] Vide dokumenti 7 u 8 mal-affidavit tal-konvenut.

*L-esponent tal-fehma, li mill-assjem tal-provi, ma jistax jinholoq fil-gudikant, il-konvinciment morali illi l-konvenuti unilateralment hassru n-negozju, jew li anke wara li dan thassar, agixxew b`xi mod li jikser il-ligi jew xi ftiehim bejn l-istess socji. Jidher qabel xejn illi x-xoljiment kien mixtieq mill-atturi aktarx iktar milli mill-konvenuti. Dak li sehh wara li giet espressa ir-rieda ta` xoljiment kien pjuttost process inevitabbli. Jidher mill-korrispondenza sussegwenti*[4]

*Terga` u tghid illi lanqas ma wiehed jista` jattribwixxi xi forma ta` abbuz jew zlealta` fil-fatt illi l-konvenuti hadu l-inizjattiva li jidhlu f`arrangament indipendenti ma Pharmacos, li dehret li kella pjacir li tkompli twassal id-distribuzzjoni taz-zraben taghha bl-operat tal-konvenuti. Dan fis-sens allura li ma jistghax jinghad illi l-konvenuti "serqu" n-negozju li kienu qeghdin jiggestixxu flimkien mal-atturi. Huma ma dahlux in kompetizzjoni man-negozju komuni, ghaliex l-intenzjoni tal-partijiet, esplicitament espressa, kienet wasslet ghat-temm tas-shubija.*

***Minn din il-konsiderazzjoni titnissel il-konkluzjoni inevitabbli li ma gie mwettaq l-ebda agir dannuz mill-konvenuti li kkawza pregudizzju jew telf lill-atturi. Dak li gara kien illi n-negozju kien immudellat b`mod illi kif tisfaxxa s-shubija jisfaxxa mieghu in-negozju.***

***Minn dan isegwi illi din il-qorti m`ghandhiex ghalfejn tezamina xi quantum ta` danni u b`hekk ukoll kull konsiderazzjoni ta` xi valur ta` avvjament mitluf ma tibqax rilevanti.*** (enfasi ta` din il-Qorti)

## 2. <u>Dwar il-kontrotalba</u>

L-espert jaghmel dawn l-osservazzjonijiet :-

[4] Vide dokumenti 3,4,5 u 13 li kien hemm tentattivi li ssir likwidazzjoni bonarja, izda dawn fallew minhabba li r-relazzjonijiet bejn il-partijiet kienu saru akrimonjuzi.

*Qabel ma l-esponent jasal biex jaghmel konsiderazzjonijijet dwar il-likwidazzjoni tal-assi li fadal, hemm bzonn li jiehu konjizzjoni tal-pretensjoni skond il-kontrotalba. Il-konvenut qed jippretendi somma bhala kumpens tax-xoghol li ghamel fil-hanut. Jinghad mill-bidu li din mhix talba li hareg biha hu minn zniedu, imma anzi kienet proposta tal-istess attur, illi l-konvenut ghandu jippercepixxi kumpens ta` elf u hames mitt Lira (tliet elef, erba mija erbgha w disghin euro, €3494).*

*Hekk iddepona l-attur:*

*F` Awwissu 2007, jien u S-Sur Xuereb iltqajna ghall-ikla ta` nofsinhar u ftit drinks fil-Pitch tal-Water Polo, Marsaskala. Matul din il-laqgha jien offrejt lis-Sur Xuereb is-somma ta` Lm1500 fis-sena, li kellha tinqata` mill-profitt qabel dan ikun maqsum bejnietna, u dan ghaliex is-Sur Xuereb kien imur il-hanut u jien ma kontx immur. Is-Sur Xuereb ma accettax dan il-kumpens ghax qal li hu kien imur il-hanut ghax kien jiehu gost li jkun prezenti hemm u mhux ghax kien ikun hemm il-bzonn li jmur. Fil-fatt, l-accounts kollha juru li hu qatt ma rcieva xi tip ta` salarju jew kumpens.*

*Hawn issa qeghdin fis-sitwazzjoni mhux li ma hemmx qbil li saret din l-offerta, izda l-attur qed jistrieh fuq il-fatt illi skond hu, il-konvenut, minn rajh IRRINUNZJA ghal din l-offerta. Biex wiehed ikun preciz, ir-rinunzja ma kienetx fis-sens illi l-konvenut ma accettax il-proposta ghaliex, per ezempju ippretenda li l-kumpens ikun akbar. Imma irrinunzja ghaliex skond l-attur, dan kien jiehu pjacir imur iservi gol-hanut.*

*Ghal dan il-konvenut wiegeb:*

*Tant is-sitwazzjoni bejni u bejn s-Sur Cauchi spiccat fi zbilanc li s-Sur Cauchi hass in-necessita li jiltaqa mieghi gewwa l-Pitch tal-WaterPolo Marsaskala fejn qbilna li jien nigi kkumpensat ghal dan ix-xoghol zejjed li waqa fuqi billi kull sena minn meta ftahna jiena nircievi s-somma ta Lm1500 fis-sena EXTRA bhala pagament ghal dan ix-xoghol zejjed.*

*Prova ta` dan hemm ukoll ittra miktuba mill-avukat tas-Sur Cauchi Dr.Joe Schembri datata 25 ta Novembru 2010 (document 3). Nichad bil-qawwa li jiena irrifjutajt din is-somma u nistqarr li jiena niehu "gost" meta nohrog bil-familja u mhux meta mmur ghax-xoghol gewwa l-hanut li kellna kif iddikjara s-Sur Cauchi fl-affidavit tieghu f`pagna 2! Ma jregix l-argument ta Cauchi f`xhieda li ta fil 1/12/2015 fejn ighid hekk: "Lm1500 extra fis-sena ma ntihomlux ghax ma accettahomx. Illum ma ntihomx ghax irrealizzajt li l-hanut KIEN JITLA GHALXEJN. MA HEMM XEJN BIL-MIKTUB LI IRRIFJUTHOM."*

*Nghid illi dan il-ftehim li jiena niehu Lm1500 fis-sena kien sar qbil dwaru mas-Sur Cauchi izda jiena dawn il-flus qatt ma hadthom. Ghalhekk insostni li ghandi niehu Lm1500 kull sena ghal erba snin cioe bejn is-sena mindu ftahna l-hantu fis-sena 2006 sakemm spicca n-negozju fl-2010. Ma hadthomx matul in-negozju ghaliex dak iz-zmien rajt li naghmel hekk biex inhalli l-likwidita fin-negozju u ghax kont nafda lis-Sur Cauchi imma issa nippretendi li dawk nehodhom minghand is-Sur Cauchi.*

*Ghalhekk il-vertenza hawn mhux jekk kienx hemm qbil li qatt saret l-offerta, jew jekk il-konvenut kienx intitolat ghal kumpens oghla jew inqas. Il-vertenza hi purament jekk kienx hemm rinunzja espressa jew imqar tacita ta` din l-offerta. Meta wiehed jara dak li jinsab fid-dokument 3* [5]*, li hi ittra bla pregudizzju tal-legali tal-atturi, fejn issir riferenza specifika ghall-offerta tas-somma ta` Lm1500*

[5] Anness mal-affidavit tal-konvenut

*fis-sena, insibu l-frazi "Il-klient tieghek, ghal ragunijiet li jafhom hu, ghazel li ma jintaskax din is-somma." Hawn wiehed forsi ma jridx ikun wisq rigoruz fl-ghazla tal-kliem, izda l-espressjoni uzata tfisser illi s-somma in offerta ma ttiehditx, izda strettament, ma tfissirx li ma gietx accettata. Ghalhekk sa dan il-punt, wiehed ma jistax ikun moralment cert li kien hemm dan ir-rifjut.*

*Fejn imbaghad, il-kobba tithabbel, hu fid-dicitura ta` dak li kiteb il-konvenut fl-email tad-29 ta` Gunju 2010[6]. Dan qal testwalment hekk "You also remember you had promised me Lm1500 for the extra work I do in the shop...I have been a man with you (not of some extra few euros) and decided to forget about this in our years of operating the shop..." Waqt il-kontroezami tas-16 ta` Marzu 2017, il-konvenut kien stqarr "Qed nintwera kopja ta` email li baghatt jien stess fid-29 ta` Gunju 2010 li qed tigi ezibita markata JAS001, u nikkonferma il kontenut taghha." Dan b`hekk skjettament ikkonferma dak li hemm miktub, u ma ppruvax jaghti xi tifsira ohra (ghalkemm qajla seta`) lill-kitba tieghu. Tassew illi fil-kontro ezami citat supra, hu qal illi ma hax il-flus biex izomm il-likwidita tal-hanut, imma dan jidher li hu pjuttost ripensament fjakk li inghad biex b`xi mod jirtira mill-pozizzjoni li ha bil-miktub. Wiehed kien jistenna illi li kieku il-konvenut kien qed jissakrifika ruhhu biex ikun hemm likwidita fin-negozju, dan kien jghid precizament hekk.*

*Din il-konstatazzjoni tissahhah meta fil-paragrafu ta` wara din il-frazi il-konvenut kiteb "Now in return..you are going to ask me for goodwill about the shop? It is really unfair on your part". Avolja wiehed isib ruhhu fid-diffikulta` li jinterpreta sfumaturi ta` diskors u espressjonijiet ta` persuni li forsi jkunu qeghdin ifissru emozzjonijiet iktar mill-intenzjonijiet, gudikatur irid joqghod fuq dak li jinsab volontarjament miktub, sakemm ma jkollux ragunijiet serji biex ma jistriehx fuqhom. Din l-*

---

[6] Ezibita mill-attur waqt il-kontroezami tal-konvenut u markata JAS1

*ahhar frazi hawn stess citata tindika, illi l-konvenut ihossu offiz jew oltraggjat li filwaqt li hu ceda il-kumpens imsemmi, dan il-gest tieghu mhux qed jigi apprezzat mill-attur, li qed javvanza talba ghall-avvjament.*

*Li kieku kellu mill-veru dak li qal il-konvenut fis-sens li hu qaghad lura u ma hax kumpens sabiex ikattar il-likwidita` (bil-hsieb li meta din titjieb, imbaghad jithallas), dan kien ifisser ruhhu mod iehor. Ma kienx jixli lill-attur b`tostagni fit-talba ghal avvjament, filwaqt li il-konvenut kien ragel u ma hax hlas ta` xogholu.*

*Issa indipendentement minn jekk l-attur kien qed ikun gust jew le, fil-pretensjoni tieghu (u difatti, ghall-motivi fuq gja spjegati, il-fehma tal-esponent hi li ma kienx gustifikat), jidher illi hawn il-konvenut qed jafferma illi kien ceda il-pretensjoni tieghu.*

*Jekk kienx qed jahseb b`mod lucidu jew kienx imkaxkar minn xi emozzjoni meta kiteb dik i-frazi qatt m`hu ser ikun car. Izda, Qorti trid timxi fuq li jingieb quddiema, u f`dan il-kaz l-esponent jifhem illi l-assjem tal-provi iwassal ghall-konkluzjoni li l-konvenut volontarjament irrinunzja ghal dan il-kumpens.*

***Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi jidher illi l-kontrotalba ma tirrizultax pruvata u ghandha tigi michuda.*** (enfasi ta` din il-qorti)

*Spjanati dawn il-punti jifdal ghalhekk il-likwidazzjoni tal-assi li kienu in komuni bejn il-kontendenti.*

## 3. <u>Likwidazzjoni tal-assi</u>

L-espert jghaddi mbaghad ghal-likwidazzjoni tal-assi.

Jghid hekk :-

*L-esponent hu tal-fehma illi dak li gie espost mill-konvenut fin-nota tieghu tal-15 ta` Novembru 2018 hu attendibbli.*

*Dawn jinsabu riepilogati hekk:*

*EUR 3446.73 – Kontanti*

*EUR 778.81 – Cekk*

*EUR 56.59 – Kontanti*

*EUR 3,282.13 (ii)*

| | | |
|---|---|---|
| *D.* | *Bilanc ta` flus kontanti (i-ii)* | *EUR 7,636.87* |
| *E.* | *Valur ta` xkaffar* | *EUR 1,331.75* |
| *F.* | *Prodotti tal-footcare* | *EUR 3,450.00* |

*Total ta` Assi Komuni mal-gheluq tan-negozju (A+B+C):* ***EUR 12,418.62***

*L-esponent ma jikkondividix is-sottomissjonijiet inoltrati fir-replika tal-atturi fuq dan il-punt. L-atturi jesigu li jippartecipaw fil-qligh tan-negozju mill-1 ta` Lulju 2010 sat-28 ta` Frar 2011. Huma jipprospettaw figuri ta` dan il-qligh ikkalkulati fuq l-invoices ezibiti minn Edward Mifsud, direttur ta` Pharmacos Ltd. Jghidu li l-kalkoli saru minn awditur estern. L-esponent qabel xejn ma jistax jaccetta li kalkolu bhal dan jigi pprezentat minghajr prospett ta` liema invoices ezatt gew maghdudin u minghajr prova iktar preciza minn dik provvduta, dwar il-margni ta` qligh. Multo magis illi il-kalkolu se mai kellu jsir minn awditur imqabbad mill-qorti u mhux ex parte u minghajr ma jigi guramentat[7].*

[7] U dan wara li l-partijiet kienu qablu li ma hemmx bzonn l-opera ta` perit awditur

*Izda apparti dawn l-iskolji procedurali (u minghajr ma wiehed icekken l-importanza taghhom) hemm raguni ferm iktar impellenti li ma jitqisux dawn ic-cifri. Dan m`hu xejn hlief illi l-insistenza tal-atturi kienet illi s-shubija fin-negozju kella tieqaf minnufih mit-28 ta` Gunju 2010. Minn dik id-data l`quddiem, ma jidhirx illi l-atturi ippartecipaw iktar fin-negozju u l-ftit kuntatti li kien hemm kienu trattattivi dwar x`ser isir minn hemm l`quddiem.*

*Jidher veru illi il-konvenuti baqghu jahdmu mill-istess hanut sa Mejju 2011, meta imbaghad ittrazlokaw ghal hanut iehor. Dan pero` fil-fehma tal-esponent ma jfissirx li s-shubija kienet ghadha ghaddejja, u li kien hemm xi obbligu tal-konvenuti li jroddu nofs il-qligh tal-hanut lill-atturi in forza tal-ftiehim ta` shubija. Dan il-ftiehim waqqfuh huma stess fit-28 ta` Gunju 2010. L-unika haga li tista` tinghad a kariku tal-konvenuti li kemm il-darba ghad ikun hemm xi kundanna ghall-hlas tal-kera tal-hanut mid-29 ta` Gunju 2010 l`quddiem, din tkun a kariku biss tal-konvenuti.*

*Billi jidher illi dawn l-assi kollha jinstabu ghand il-konvenuti, ghandu jsegwi illi l-istess konvenut irid irodd lill-atturi nofs il-valur tal-istess assi (€12,418.62**)** u cioe is-somma ta` sitt elef mitejn u disa` euro u wiehed u tletin centezmu (€6209.31).*

*B`dan izda li kull dejn li jista jkun talvolta attribwibbli lis-socji ghal xi perijodu qabel it-28 ta` Gunju 2010, u li ghadu ezigibbli irid jigi sopportat minnhom ugwalment.*

## 4. <u>Konkluzjoni</u>

L-espert jikkonkludi hekk :-

1. *L-ewwel talba tigi milqugha.*

2. *it-tieni talba hi procedurali u ma tirrikjedix pronunzjament f`sentenza.*

3. *din ma gietx kontestata u fil-fatt ir-rendikont inghata u ghalhekk ma fadalx htiega ghall-pronunzjament gudizzjaru fuq dan il-punt.*

4. *din it-talba tintlaqa` u l-intimati jigu kundannati ihallsu is-somma fuq likwidata ta` sitt elef mitejn u disa` euro u wiehed u tletin centezmu (€6,209.31);*

*5, 6 u 7 dawn it-talbiet jigu michudin.*

*Dwar il-kontrotalba*

*Din tigi michuda in toto.*

**V. <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

**1. <u>Il-hames (5) talba attrici</u>**

L-atturi qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni li jikkontendu li garrbu.

Id-danni reklamati mill-atturi huma konsegwenza tal-gheluq tan-negozju de quo.

Jallegaw illi n-negozju ghalaq ghaliex l-intimati fethu negozju iehor tal-istess generu band`ohra.

Il-Qorti tikkondividi l-linja traccjata mill-espert fir-relazzjoni li l-punt tat-tluq fir-rizoluzzjoni ta` din il-vertenza huwa gharbiel tal-imgieba tal-konvenuti, ghaliex huwa biss wara li jsir dan illi l-Qorti tkun tista` tqis jekk il-hames talba attrici hijiex misthoqqa nkella le. Anke mill-analizi tal-evidenza li tressqet fil-kors tal-kawza, kien l-agir tal-konvenuti, in partikolari tal-konvenut Evan Xuereb, il-punt centrali tal-provi li saru.

Skont l-atturi, il-problemi mal-konvenuti bdew ghall-habta tat-18 jew 19 ta` Gunju 2010. Fix-xiehda tieghu, l-attur ighid illi minn hemm `il quddiem il-konvenuti hadu l-amministrazzjoni u l-gestjoni tan-negozju esklussivament f`idejhom, u li wara li nqala` d-dizgwid, ma kienx aktar possibbli li n-negozju jibqa` jigi gestit bi shab. Ir-rikorrent iqis li l-assocjazzjoni ntemmet fit-28 ta` Gunju 2010. Kien minn din id-data `l quddiem li l-konvenuti hadu l-gestjoni tan-negozju totalment f`idejhom waqt li r-rikorrenti ma tawx aktar il-kontribut taghhom. Lawrence Cauchi kkonferma illi kienu huma stess illi talbu lill-intimati sabiex ixolju n-negozju. Tajjeb ghalhekk osserva l-espert li din l-affermazzjoni tar-rikorrent tikkonferma li x-xoljiment tan-negozju xejn ma kien sorpriza ghalih. Fi kliem Lawrence Cauchi, l-inkwiet l-aktar serju nqala` wara li huma avzaw li riedu jxolju l-assocjazzjoni, fis-sens illi mhux biss il-konvenuti bdew imexxu kollox huma, izda ttrasferew flus minn kontijiet bankarji tal-assocjazzjoni ghall-kontijiet personali taghhom u ghamlu hlasijiet bla ma kkonsultaw mal-atturi.

Il-konvenut jilqa` ghall-pretensjonijiet tal-atturi principalment billi jghid li hu ma xtaqx li l-assocjazzjoni taghlaq, ghaliex l-introjtu min-negozju taghha kien bzonnjuz ghall-familja tieghu. Il-konvenut jattribwixxi l-gheluq tal-assocjazzjoni mal-attur lill-attur innifsu ghar-raguni li dan ma hax rwol attiv fil-gestjoni tan-negozju. Il-konvenut kien infastidit bil-fatt li l-attur kien interessat biss jaqsam il-profitti minghajr ma jaghti sehmu fit-tmexxija tan-negozju mentri jghid illi hu kien jaghti kontribut ferm akbar. Inqalghet ukoll il-kwistjoni illi ghalkemm l-attur kellu c-*cheque book* ma baqax jeffettwa pagamenti b`mod u manjiera li la kienet qeghda tithallas il-kera u lanqas Pharmacos. Ghalhekk akkumulaw ghadd ta` pendenzi. Il-fatt ta` dawn il-pendenzi kien

ikkonfermat mix-xiehda ta` Nutar Charles Vella Zarb *qua* sid tal-fond, kif ukoll ta` Emanuel Mifsud ghal Pharmacos. Nutar Vella Zarb ikkonferma li huwa talab il-hlas tal-arretrati tal-kera u li fin-nuqqas ried ic-cwievet tal-hanut lura. Min-naha ta` Pharmocos irrizulta li saret pressjoni sabiex tiehu lura l-merkanzija konsenjata lill-partijiet.

Il-Qorti ghamlet analizi tal-provi li gabu l-atturi in sostenn tal-pretensjoni taghhom fejn kienet imputata lill-konvenuti responsabilita` ghal danni, kif ukoll il-provi li gabu l-konvenuti sabiex jikkontrastaw il-pretensjoni attrici.

Fuq li kkostatat hi, u abbazi ta` li hareg mir-relazzjoni tal-espert, il-Qorti tqis attendibbli u kredibbli, del resto kif sintetikament ghamel l-espert, ir-rigett tal-konvenuti ta` kull attribuzzjoni ta` responsabilita` ghal danni. Tqis illi m`ghandhiex ghaliex tiddubita mill-verzjoni tal-konvenut li ma riedx jaghlaq in-negozju, izda li fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom kien kostrett icedi. Tajjeb osservat l-espert illi ma kienx hemm lok li n-negozju jigi trasferit, sew minhabba restrizzjonijiet fil-kondizzjonijiet tal-kirja, u sew minhabba restrizzjonijiet imposti minn Pharmacos dwar il-moviment tal-istokk.

Il-Qorti taghmel taghha l-konkluzjoni tal-espert perit li l-atturi m`ghandhomx ragun jattribwixxu lill-konvenujti htijiet illi m`ghandhomx. Li sar wara li l-atturi wrew li riedu jxolju l-assocjazzjoni kien process inevitabbli. Jekk il-konvenujti kien messhom informaw lill-atturi b`dak li kien se jsir u cioe` il-moviment tal-flus, il-hlas tal-pendenzi u c-caqlieq tal-merkanzija, zgur li ma kienx ippruvat li dak il-komportament tal-konvenuti kien agir abbuziv jew illegali, propju ghaliex il-konvenuti hadu azzjoni tempestiv sabiex jittentaw isalvaw *il salvabile* anke fl-interess taghhom stess bhala assocjati tal-atturi u jiskansaw proceduri gudizzjarji minn terzi.

Tajjeb li jkompli jinghad li dak li sar mill-konvenuti kien traccjabbli fis-sens li meta kien hemm caqlieq ta` flus, dan sar tramite l-banek, u allura kull centezmu minfuq seta` jkun kontrollat ; jekk sar infieq ta` flus, kollox sar tramite l-banek kummercjali u *dietro ricevuta* u ghalhekk l-

aritmetika setghet issir minn kulhadd ; l-istess jista` jinghad ghar-rigward tac-caqlieq tal-merkanzija, billi anke hawn kollox kien dokumentat.

Kwantu ghall-fatt li l-konvenuti dahlu fi ftehim gdid ma` Pharmacos, il-Qorti taqbel mal-espert li l-konvenuti f`dan ir-rigward la mxew b`mod abbuziv u l-anqas b`mod zlejali. Il-konvenut ghamilha cara li ghalih dak in-negozju kien sors important ta` qligh. Ghaliex l-assocjazzjoni bejn il-partijiet waqfet topera ma jfissirx li l-konvenuti ma kellhomx dritt ikomplu bin-negozju ghal rashom. *Del resto* il-prodotti kienu ta` Pharmacos li accettat li l-konvenut ikompli jmexxi l-prodotti taghha. Tenut kont illi l-attur ma riedx ikompli bl-assocjazzjoni ma jfissirx li n-negozju kellu jieqaf u l-hidma li saret tisfaxxa fix-xejn. Il-konvenuti ma hadu xejn milli kien tal-atturi.

**Il-Qorti qeghda tichad il-hames (5) talba tal-atturi.**

2. **<u>Is-sitt (6) u s-seba` (7) talbiet attrici</u>**

**Billi is-sitt (6) u s-seba` (7) talbiet huma konsegwenzjali ghall-hames (5), ser ikunu michuda wkoll.**

3. **<u>L-ewwel (1) talba attrici</u>**

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-provi li saru dwar kif, meta u ghaliex waqfet topera l-assocjazzjoni bejn il-partijiet.

**Tipprovdi dwar l-ewwel (1) talba attrici billi tiddikjara xjolta l-assocjazzjoni fuq riferita ta` bejn il-partijiet b`effett mit-28 ta` Gunju 2010.**

4. **<u>It-tieni (2) talba attrici</u>**

**Il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attrici.**

Ir-rendikont li jissemma fit-talba kien trattat mill-espert Av. Richard Galea Debono fir-relazzjoni tieghu.

Ghalkemm fil-bidu l-Qorti kienet innominat espert komputista, l-inkariku kien revokat wara talba taz-zewg nahat.

## 5. <u>It-tielet (3) talba attrici</u>

**Riferibbilment ghat-tielet (3) talba, il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.**

Sejra taghmel dan ghaliex il-konvenuti pprezentaw ir-rendikont bhala parti mill-provi taghhom.

Dwar ir-rendikont, il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-espert illi l-prospett li thejja mill-konvenuti huwa attendibbli.

## 6. <u>Ir-raba` (4) talba attrici</u>

Jirrizulta ppruvat illi l-assi tal-assocjazzjoni jammontaw ghal €12,418.62. Dawn jinsabu kollha fil-pussess tal-konvenuti.

L-atturi gabu `l quddiem il-pretensjoni li l-qligh min-negozju li kienet taghmel l-assocjazzjoni ghandu jinqasam indaqs bejn iz-zewg nahat sat-28 ta` Frar 2011.

Il-Qorti qeghda tirrespingi bhala nfondata din il-pretensjoni.

L-atturi kienu cari u inekwivoci li fattwalment l-assocjazzjoni waqfet topera fit-28 ta` Gunju 2010. Dakinhar kienet cara r-rieda taghhom li ma jkomplux jippartecipaw fl-assocjazzjoni anzi riedu johorgu barra minnha.

Wara t-28 ta` Gunju 2010 ma jirrizultax li l-atturi qatt taw xi kontribut fil-gestjoni tan-negozju. Effettivament kienu ilhom diga` sa minn zmien qabel li hadu atteggjament passiv tant li lanqas baqghu ihallsu l-kera tal-hanut mnejn kien ikun gestit in-negozju u lanqas il-pendenzi ma` Pharmacos ; kompitu dan illi sa mill-bidu nett kien fdat f`idejn l-atturi.

Peress illi tqis li l-assocjazzjoni ntemmet b`effett mit-28 ta` Gunju 2010, l-assi sa dakinhar ghandha jinqasmu ndaqs bejn iz-zewg nahat. Ghalhekk tirrespingi l-pretensjoni attrici fis-sens illi haqqhom nofs tal-profitt li sar min-negozju ghaz-zmien bejn it-28 ta` Gunju 2010 u t-28 ta` Frar 2011. Tikkondividi l-fehma tal-espert illi ghal dan il-perijodu partikolari l-ispiza tal-kera tal-hanut ghandha tithallas mill-konvenuti.

L-atturi jirreferu wkoll ghall-avvjament tal-hanut. Isostnu l-hanut kien igawdi minn reputazzjoni tajba. Kellu licenzja ta` physioclinic u ta` podiatry clinic. Kellu wkoll klijentela tajba. Dan apparti l-fatt illi kien ibiegh prodotti ta` ditta rinomata. Anke jekk dan kollu jiirrizulta ppruvat, jibqa` l-fatt illi Pharmacos baqghet is-sid tal-bicca l-kbira tal-prodotti li kienu mibjugha mill-hanut. Effettivament id-ditta maghrufa Scholl (li taghha Pharmacos kien l-agent Malta) kienet il-kalamita li kienet tigbed il-klijentela. Ma tiddubitax li l-assocjazzjoni qaghdet attenta li tattira klijenti ladarba kellha prodott b`sahtu ; dan il-fatt pero` ma jfissirx li l-hanut kellu avvjament ippruvat li kien jissarraf f`valur li seta` jigi kwantifikat. Il-Qorti tirrespingi l-pretensjoni attrici fejn tirrigwarda l-allegat avvjament.

**Ghalhekk tiddikjara li l-assi tal-assocjazzjoni jammontaw ghal €12,418.62.**

**Dawn ghandhom jinqasmu ndaqs u cioe` nofs kull wiehed bejn l-atturi u l-konvenuti.**

**Billi dawn l-assi jinsabu fil-pussess tal-konvenuti, dawn ghandhom ihallsu lill-atturi s-somma ta` €6209.31 ghas-saldu ta` kull pretensjoni tal-atturi relatat mas-sehem taghhom mill-assocjazzjoni de qua.**

**Jekk jirrizultaw spejjez jew pendenzi dovuti lil terzi mill-assocjazzjoni de qua sat-28 ta` Gunju 2010, dawn ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mill-atturi u in kwantu ghal nofs mill-konvenuti.**

## 7. <u>Il-kontrotalba</u>

Il-kontrotalba ssib l-origini taghha fi proposta li kien ghamel l-attur lura fl-2007 fejn dan kien ippropona illi ghax-xoghol addizzjonali illi kien qieghed jaghmel l-intimat, kellu jithallas Lm1,500 bhala *bonus*. L-attur jghid illi l-intimat kien irrifjuta din il-proposta u ghalhekk qatt ma ppercepixxa dan il-pagament. Skont ir-rikorrent ir-raguni ghal dan ir-rifjut kien ghaliex l-intimat kien jiehu gost iservi fil-hanut.

Tajjeb jinghad li l-partijiet ma ghamlu l-ebda kitba la dwar il-proposta u wisq anqas dwar ir-rifjut. Jirrizulta mill-iskambju ta` ittri legali bejn iz-zewg nahat illi l-konvenut ghazel li ma jiehux dawn il-flus.

Fl-*email* li ggib id-data tad-29 ta` Gunju 2010 il-konvenut ighid :-

*"You also remember you had promised me Lm1500 for the extra work I do in the shop...I have been a man with you (not of some extra few euros) and decided to forget about this in our years of operating the shop..."*

Il-kontenut ta` din l-*email* kien konfermat mill-konvenut fix-xiehda tieghu in kontroezami fis-16 ta` Marzu 2017.

Il-konvenut ighid :-

> *"Din l-offerta saritli gja mill-ewwel sena li bdejna. Ma jidhirilx li skambjajna xi korrispondenza fuq dan il-punt. Dawn il-flus jien qatt ma hadthom. Jien kont accettajt l-offert a. Mistoqsi il-ghala jien ma hadx dawn il-flus nispjega li hu qatt ma gie bihom, u jien qatt ma tlabtomlu. Qatt ma*

*ccarajna jekk din is-somma kelliex tohrog minn-negozju jew direttament minn butu.* (fol. 463)"

Ghal din il-Qorti din ix-xiehda ma hija xejn ghajr konferma li l-konvenut irrinunzja ghall-offerta tal-hlas u kwindi ebda ammont ma huwa dovut mill-atturi.

**Il-Qorti qeghda tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tal-atturi, dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghat-talbiet attrici, dwar il-kontrotalba, u dwar l-eccezzjonijiet tal-atturi ghall-kontrotalba, billi taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Riferibbilment ghall-ewwel (1) talba attrici, tiddikjara xjolta l-assocjazzjoni ta` bejn il-partijiet b`effett mit-28 ta` Gunju 2010.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) u tat-tielet (3) talbiet attrici.**

**Riferibbilment ghar-raba` (4) talba attrici, filwaqt illi tiddikjara li l-assi tal-assocjazzjoni de qua jammontaw ghal tnax-il elf erba` mija u tmintax-il elf Ewro tnejn u sittin centezmu (€12,418.62), tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta` sitt elef mitejn u disa` Ewro wiehed u tletin centezmu (€6,209.31) ghas-saldu ta` kull pretensjoni tal-atturi relatat mas-sehem taghhom mill-assocjazzjoni de qua, b`dan illi jekk jirrizultaw spejjez jew pendenzi dovuti lil terzi mill-assocjazzjoni de qua sat-28 ta` Gunju 2010, dawn ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mill-atturi u in kwantu ghal nofs mill-konvenuti.**

**Tichad il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba` (7) talbiet attrici.**

**Tichad il-kontrotalba.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mill-atturi u in kwantu ghal nofs mill-konvenuti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**